Minuti tat-2 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 10 ta' April, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv — Joanne Apap Attard

**Skuzati:**
Kunsillier — Lisa Marie Brooke

**1. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-1 laqgha.**

**1.1** Il-Minuti gew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Tqassim ta' karigi lill-Kunsillieri.**

**2.1** Is-Sindku elenka lista ta' oqsma kif qed jipproponi li jkunu delegati lil kull Kunsillier. Gie spjegat illi l-karigi huma karigi ta' rapprezentanza u li ma jintitolawx lil xi membru tal-Kunsill milli jiehu decizjonijiet. Id-decizjonijiet iridu ikunu diskussi u approvati waqt il-laqghat tal-Kunsill.

**2.2** Il-karigi kif proposti mis-Sindku u elenkati hawn taht gew approvati unanimament:-

**David Apap**
- Council Finance/ Works/ Projects
- European Union relations/ projects
- Sport/ Tourism/ Culture/ Heritage
- Health
- Publications/ PRO

**Louis Apap**
- Environment awareness
- Rural development improvements
- Agriculture activity
- Substitute member local enforcement joint committee

- Substitute member street naming committee
- Assisting Mayor in his duties

**Emanuel Muscat**

- Transport
- Traffic management
- Alternative energy projects
- Climate Change Strategy projects

**Lisa Marie Brooke**

- Substitute Health and Safety awareness
- Cleansing and Waste Management
- Preparation/ proposal/ plan of Byelaws

**Carmen Vella**

- Family Policy
- Youth/ Child caring/ activities
- Elderly caring/ activities
- Education

**3. Hatra ta' Agent/Deputat Segretarju Ezekuttiv.**

**3.1** Is-Sindku spjega illi peress li s-Segretarju Ezekuttiv ser tohrog bil-maternity leave jinhtieg li jinhatar Agent/Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jokkupa din il-kariga fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament u ghalhekk ghandu jigi notifikat id-Dipartiment Gvern Lokali biex jindika l-*way forward*.

**4. Seher il-Punent 19-21 ta' April, 2013.**

**4.1** Infethu l-offerti mitfugha minn persuni nteressati li joperaw stands ta' ikel u xorb waqt Seher il-Punent fejn b'kollox gew sottomessi 6 offerti. Offerta wahda giet sottomessa ghal esklusivita' ta' xorb ghall-offerta ta' €1705. Il-Kunsill accetta din l-offerta. Peress li l-offerti l-ohra kienu ghal stand ta' ikel u xorb ghandha tingibed l-attenzjoni taghhom li ghalkemm l-offerti taghhom qed jigu accettati dawn jistghu ibieghu ikel biss izda mhux xorb.

**4.2** Infethu l-kwotazzjonijiet ghal *PA system* u saret l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha. Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Antoine Debrincat u 2cee Media. Giet trattata korrispondenza minghand Chris Sciortino li kien mitlub jikkwota izda nforma li minhabba *commitments* ohra mhuwiex ser jissottometti kwotazzjoni.

**4.3** Infethu l-kwotazzjonijiet ghal *light system* u saret l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugha. Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Michael Bugeja u 2cee Media.

4.4 Il-kwotazzjoni ghal *PA system* ta' Antoine Debrincat tammonta ghal €5310.00 u l-budget huwa ta' €1000 ghalhekk din ma gietx kunsidrata. 2cee Media taw kwotazzjoni wahda ghaz-zewg servizzi PA u light system flimkien ghall-ammont ta' €1450. Il-kwotazzjoni ta' *light system* ta' Michael Bugeja tammonta ghal €480. Il-Kunsill qabel li s-servizz ta' *PA u light system* ghandu jinghata lil 2cee Media peress li mill-kwotazzjonijiet mitfugha l-kumbinazzjoni taghhom biss kienet fil-limiti tal-budget li ghandu l-Kunsill.

4.5 Emanuel Muscat wasal hin 5.15pm u inghata sommarju tax-xoghol li sar sa issa. Dwar il-kwotazzjoni ta' 2cee Media huwa ssuggerixxa li l-kuntrattur jintalab jaghti breakdown tal-prezz tal-PA u tal-light. Joe Louis Caruana ta' 2 Cee Media gie kkuntattjat bit-telefon fejn qal illi l-prezz huwa ta' €950 ghall-PA System u €450 ghad-dawl. Il-Kunsill zamm mad-decizjoni precedenti li s-servizz ta' PA System u light system ikun provdut minn 2 Cee Media.

4.6 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar ilmenti ta' xi residenti li l-Arriva li tohrog mill-Gharb ma tghaddix minn Triq ir-Repubblika filwaqt li dik ta' Kercem/Santa Lucija tghaddi. Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lill-Arriva biex fir-rotta Gharb Victoria tibda' tghaddi minn Triq ir-Repubblika.

4.7 Il-Kunsill iddiskuta l-programm aggornat ta' Seher il-Punent kif ukoll dwar l-isponsors li nkisbu. Saret diskussjoni dwar l-ikla tradizzjonali fejn il-Kunsill iddiskuta lil liema ghaqda ser tinghata il-*coordination fee*. Is-Sindku ddikjara interess u rtira mill-kamra. Il-Vici-Sindku ppresieda. Il-Kunsill qabel illi l-*coordination fee* ghandha tinghata lill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Is-Sindku gie msejjeh lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Saret diskussjoni dwar imwejjed u siggijiet u kien hemm qbil illi jekk ikun jinhtieg jintalbu xi siggijiet mic-Centru Parrokkjali Zebbug.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tal-Hadd wara nofsinhar li ser tkun karatterizzata minn Karnival tar-Rebbiegha u maratona ta' zfin minn diversi gruppi Maltin. Hawnhekk gie allokat budget ta' 1000 Euro. Il-programm ser ikun koordinat minn Noel Castillo.

4.9 Gie spjegat li bhas-snin precedenti intalbet l-assistenza tad-Dipartiment tal-Kultura sabiex jipprovdi *personnel* biex ikun jista' jaghti ghajnuna ghal waqt l-attivitajiet.

**4.10** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-istampar konness ma Seher il-Punent fejn bhalma kien deciz fl-ewwel laqgha ingabru l-kwotazzjonijiet li gew cirkulati lill-Kunsillieri kollha u giet accettata l-irhas kwotazzjoni dik ta' Portelli print ghall-printing u dik ta' Oliver ghall-billboards. Gie spjegat illi fir-rigward ta' printing ser ikun hemm xi varjanza mill-kwotazzjoni fir-rigward tal-posters peress li ser isiru 3 tipi differenti ta' posters f'inqas kwantita' filwaqt li l-kwotazzjoni kienet tahseb ghal poster wiehed biss.

4.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar traffic management relatat mal-attivita' fejn ser jintalab is-servizz tal-wardens.

4.12 Il-Kunsill qabel li jsir reklam ta' Seher il-Punent fuq il-gwida ghall-prezz ta' 129.80 Euro.

4.13 Dwar it-*tug of war* il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntattjat Franklyn Farrugia ghan-nom tal-Ghaqda tal-Briju biex jaghti aggornament. Is-Sindku spjega illi huwa possibbli illi l-gimgha d-diehla ssir laqgha mhux ufficjali mal-persuni mid-diversi ghaqdiet involuti fl-organizzazzjoni biex jigu koordinati l-ahhar punti.

4.14 Saret diskussjoni wkoll dwar l-attivita' tal-gbejna u x'mezzi ser jintuzaw biex din issir.

## 5. Servizz ta' open-skip

5.1 Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur ezistenti qed jirrifjuta li jkompli jaghti s-servizz ghall-prezz ta' zewg skips kull nhar ta' Sibt bir-rata ta' 39.95 Euro il wiehed peress li qed jghid li qed ikun hemm aktar minn zewg skips. Mill-banda l-ohra gie spjegat illi l-budget tal-Kunsill huwa bbazat fuq zewg skips u ghalhekk il-Kunsill ma jaffordjax li jhallas ta' aktar. Wara diskusskoni fit-tul gie deciz li temporanjament ghandu jigi avvicinat il-kuntrattur Peter Paul Said dwar jekk huwiex lest li jahdem bir-rata ta' zewg skips kull nhar ta' Sibt. Sadanittant ghandha terga' tohrog l-offerta b'diversi ghazliet fosthom: gbir ta' bulky refuse bieb bieb f'gurnata partikolari bhalma jsir fil-lokalita' ta' Haz Zebbug Malta. Kollezzjoni minn sit ghal perjodu ta' saghtejn ghal kull tip ta' skart eskluz skart ta' kostruzzjoni kif ukoll servizz ta' *skip unattended* ghal a) skart ta' kostruzzjoni jew b) skart mhux tal-kostruzzjoni.

5.2 Is-Sindku ppropona illi wahda mis-soluzzjonijiet tista' tkun l-introduzzjoni ta' bye-law fejn ir-residenti jhallsu hlas nominali biex juzaw is- servizz tal-open-skip. Il-Kunsill qabel illi jsir komunikat mad-DLG jekk tezistix xi bye-law simili f'xi Kunsill iehor.

5.3 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni illi l-haxix fi Triq Birbuba ghadu ma nqatax. Ittiehdet nota biex ssir *reminder* lill-kuntattur.

## 6. Infiorata 2013.

6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi organizzata l-Infiorata il-Hadd tal-festa. Ghal dan il-ghan ghandha tinhareg l-offerta ghall-provvista tal-fjuri u ghajnuna fil-formazzjoni tal-Infiorata.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta s-suggetti li ghandom jiffurmaw l-Infiorata ta' din is-sena fejn il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu l-arma tal-banda Muzikali Vizitazzjoni fl-okkazjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif taghha, l-arma tal-Papa fl-okkazjoni tal-Papa l-gdid u l-arma tas-sena tal-fidi.

7. **Korrispondenza u materji ohra.**

7.1 Gew trattati kwotazzjonijiet li ngabru ghall-manutenzjoni tal-pjanti fil-Pjazza Zjara tal-Madonna. Kwotazzjonijiet gew sottomessi minghand Sunrise Pet and Garden u Tropical Forest. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni ta' Sunrise Pet and Garden ghall-prezz ta' 537 Euro.

7.2 Emanuel Muscat staqsa dwar ix-xogholijiet ta' titjib fil-berga bhala parti mill-progett tac-Centru Civiku. Is-Sindku spjega illi fadal ix-xoghol tal-brix, il-madum u l-bibien. Spjega wkoll illi l-applikazzjoni li saret ghall-finanzjament taht l-iskema tal-Memo 45/2012 ma gietx accettata u ghalhekk il-Kunsill irid jara kif ser jiffinanzja il-bqija tal-progett.

7.3 Saret diskussjoni dwar l-adventure park fi Triq Tumas Cassar. Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li fis-sular ta' isfel qed izzomm ghadira ilma. Peress li f'din il-parti ghad irid isir il-pavimentar gie deciz li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-Perit biex temporanjament isirilha patching. Louis Apap innota wkoll illi t-tfal qed jilaghbu biz-zrar. Huwa ppropona illi z-zona fejn hemm iz-zrar tkun pavimentata. Wara diskussjoni gie deciz illi z-zona biz-zrar ghandha ssirilha gradilja tal-hadid u ssirilha pipe biex l-ilma jghaddi minnu.

7.4 Emanuel Muscat staqsa dwar il-loading/unloading bay fil-Pjazza u jekk din hijiex legali. Is-Sindku spjega illi din saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill u li kien hemm ilment dwarha li ga gie diskuss fil-Kunsill f'laqgha precedenti. Ser issir reminder lil Transport Malta biex kif deciz f'laqgha precedenti jigu fuq il-post u jaraw jekk din hijiex qeghda sewwa jew le.

7.5 Emanuel Muscat staqsa jekk Dun Alwig Mizzi hijiex ser issir permezz tal-progett PPP. Is-Sindku spjega illi Triq Tumas Cassar ser issir mill-Ministeru ghal Ghawdex u diga nharget l-LA lill-kuntrattur f'dan ir-rigward. Ghalhekk kif deciz precedentement il-fondi ta' Triq Tumas Cassar gew utilizzati biex permezz taghhom setghet issir Triq Trux il-parti ta' fuq u ghalhekk din it-triq saret fl-interita' taghha. Is-Sindku spjega illi qed isiru l-kontijiet ta' Triq il-Knisja u Triq Trux u meta dawn ikunu finalizzati l-Kunsill ikun jaf il-pozizzjoni tieghu u x'ammont fadal minn dan il-kuntratt biex jitkompla l-programm tal-PPP li jinkludi t-toroq Dun Alwig Mizzi, Triq Birbuba, Triq San Pietru, San Dimitri u Sqaq il-Fgura.

7.6 Saret diskussjoni dwar Triq il-Madonna tal-Virtu' fejn gie spjegat illi l-Enemalta ser ikunu qed jaghmlu t-tarmak fuq it-trinka taghhom. Il-WSC

ser ikollhom zewg trinek u wkoll ser ikunu qed jaghtu t-tarmak fuq il-parti taghhom. Ghalhekk il-Kunsill irid jiffinanzja l-bqija mill-fondi li jkollu disponibbli. Ghalhekk huwa possibbli illi Triq il-Madonna tal-Virtu' ssir f'parti jew kollha dan kollu jiddependi mill-fondi.

7.7 Gie spjegat illi l-Ministeru ghal Ghawdex qed jaghmlu t-tiswijiet fit-toroq fir-rotta Dahlet Maxwell, San Pietru, Mongur, Birbuba li qed tintuza mit-traffiku ta' San Lawrenz peress li Triq San Lawrenz tinsab maghluqa.

7.8 Emanuel Muscat staqsa dwar savings fuq il-progett M323 li ser jintuzaw ghar-restawr tal-Knisja. Is-Sindku spjega illi l-kontijiet fuq diversi kuntratti ghadhom qed jinhadmu mill-Perit u ghalhekk l-ammont totali ta' savings ikun stabbilit meta jkunu finalizzati dawn il-kontijiet. Il-kuntratt ta' l-ewwel fazi tar-restawr tal-Knisja jiswa madwar 86,000 Euro.

7.9 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

**7.10** Mill-Ufficju tal-Prim Ministru ringrazzjament tal-awguri tal-Kunsill fl-okkazjoni tal-hatra tal-Prim Ministru.

**7.11** Mill-ECAD programm dwar l-20 konferenza tas-Sindki li se ssir bejn 12-15 ta' Mejju, 2013.

**7.12** Minn Modern Design Ltd. dwar servizzi li joffru.

**7.13** Mill-Malta Falconry Centre dwar il-park taghhom li jinsab fit-truf tas-Siggiewi.

**7.14** Mis-Segretarju Parlamentari Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita Attiva ringrazzjament tal-awguri tal-Kunsill fl-okkazjoni tal-hatra tieghu.

**7.15** Mill-Green Pak awgurju lill-Kunsill il gdid u ntroduzzjoni ghas-servizzi li toffri.

**7.16** Minn Cloud Keeper dwar il-prodott *integrated financial system*.

**7.17** Mis-Segretarju Parlamentari Presidenza EU 2017 u Fondi tal-Unjoni Ewropea ringrazzjament tal-awguri tal-Kunsill fl-okkazjoni tal-hatra tieghu.

**7.18** Mill-Odyssey Restaurant dwar servizzi li joffru.

**7.19** Mill-Mepa applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp: PA618/13, PA730/13, PA774/13, PA792/13, PA537/13, PA957/13. PC0001/13. Appell Nru 86/11.

**7.20** Mill-ETC konferma ta' bidu ta' mpjieg ta' Sandro Cauchi taħt l-iskema CIES.

**7.21** Mill-Physically Handicapped Rehabilitation Fund dwar Flag Day Appeal 2013.

**7.22** Mis-Segretarju Privat Ministeru għal Għawdex ringrazzjament tal-awguri tal-Kunsill fl-okkazjoni tal-ħatra tal-Ministru.

**7.23** Il-laqgħa spiċċat hin 7.20pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Eżekuttiv